**Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgħa nru 24 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , il-Ġimgħa 3 ta' April 2009 wara li din il-laqgħa bdiet fis-6 ta' Jannar 2009 u kellha l-ewwel kontinwazzjoni l-Erbgħa 25 ta' Frar 2009.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In |
|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 8.15 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | Informana li ha jidhol tard |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. |

Il-laqgħa bdiet fit-8.30 p.m.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa kif ukoll l-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante.

**1.0 Permessi ta' żvilupp f'Wied il-Għasel**

1.1 Billi kien hemm preżenti fost il-pubbliku kwantita ta' residenti Mostin li talbu li tiġi diskussa il-kwistjoni ta' permess għall-bini f'Wied il-Għasel, is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex ikunu jistgħu jitkellmu rappreżentanti ta' dawn ir-residenti u ssir diskussjoni fuq dan il-każ. Il-Kunsillier Pawlu Agius issekonda u kien hemm ftehim unanimu.

Tkellem is-Sur Jonathan Cuschieri kemm f'isem ir-residenti tal-inħawi kif wkoll f'isem l-għaqda Wirt Patrimonju Mosti. Huwa fakkar li kien hemm ġa darbtejn oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp mill-istess Kunsill Lokali tal-Mosta fil-passat u talab li l-Kunsill jerġa jikteb lill-MEPA sabiex joġġezzjona għal dan il-permess.

Is-Sindku irrisponda li huwa personalment kif ukoll il-Kunsill kollu ma jaqbilx li jsir xi żvilupp fi kwalunkwe parti ta' Wied il-Għasel u għalhekk ta' struzzjonijiet sabiex is-Segretarju jikteb lill-MEPA f'dan is-sens. Il-Kunsilliera kollha qablu ma dan u r-residenti rringrazzjaw lill-Kunsill.

**2.0 Contracts Manager**

2.1 Meta kompliet il-laqgħa bix-xogħol tal-Agenda is-Sindku informa li huwa kien ser jerġa jressaq il-każ tal-Contracts Manager għal xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' Toroq għaliex fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa (No 24 fis-6 ta' Jannar 2009) dan ma ntagħżilx billi ma ġietx aċċettata il-proposta tal-*adjudication committee*. Is-Sindku qal li kien hemm urġenza li dan jintgħażel għaliex kellu bżonn jinkarigah b'xogħol urġenti konness ma applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

2.2 Il-Kunsillier Joe Demartino ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li l-ewwel nett ma kienx permess li dan l-item jerġa jiġi diskuss billi diġa kien hemm

deċiżjoni dwar dan u t-tieni billi l-ħatra ta' Contracts Manager kienet biss marbuta ma xogħol ta' patching fit-toroq u xogħolijiet anċellari.

2.3 Is-Sindku qal li bħal ma fuq proposta tas-Sur Demartino kienet reġgħet ġiet diskussa il-ħatra ta' kuntrattur għal xogħlijiet ta' Footpaths u Culverts f'din l-istess parti tal-laqgħa (No 24 fis-6 ta' Jannar 2009) li wkoll ma kienetx għaddiet il-proposta oriġinali tal-Adjudicating Committee, hekk ukoll huwa (is-Sindku) kellu dritt jerġa jressaq il-proposta mill-ġdid sabiex jinħatar Contracts Manager.

2.4 Is-Sur Demartino insista li dan ma kienx permess mill-liġi u pproduċa email mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex isostni l-argument tiegħu.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kellu parir verbali mingħand is-Sur Alfred Armeni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li kien jgħid li huwa obbligu tal-laqgħa tal-Kunsill li f'każ li ma tiġix approvata proposta tal-Adjudicating Committee tibqa tiġi diskussa u jsiru votazzjonijiet fuq proposti oħra mressqa mill-Kunsilliera sakemm tinstab soluzzjoni. Dan kien japplika anke jekk terġa tiġi mressqa l-istess proposta tal-Adjudicating Committee. Is-Segretarju Ezekuttiv kien avża b'dan il-parir lis-Sur Demartino permezz ta' ittra.

2.6 Is-Sur Demartino xorta ma qabilx li dan jista jsir.

2.7 It-Tabiba Shirley Farrugia semmiet il-każ tal-fondi fil-fond CPPS tal-MEPA li qatt ma ġew użati. Is-Sindku qal li l-anqas biss l-istess Chairman tal-MEPA is-Sur Walker ma kien infurmah b'dawn il-fondi meta staqsieh jekk kienx hemm aktar fondi minbarra dawk tal-UIF. Kienu biss f'dan l-aħħar jiem li ħareġ pubblikament li jeżistu fondi fil-CPPS u għalhekk ma jippretendix li għandu jiġi akkużat li ma ġewx użati dawn il-fondi għaliex wara kollox huwa obbligu ta' kull Kunsillier li jressaq każi bħal dawn għall-attenzjoni tal-Kunsill jekk jkun jaf bihom.

2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv talab li billi kien jidher li ma hemmx ftehim ta' l-inqas tittieħed deċiżjoni dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja għaliex iż-żmien kien qed jagħfas. Is-Sindku qal li hemm proposta li jiġi appuntat konsulent privat fuq dawn is-sejħiet tal-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *call for quotation* jew proposti ta' konsulenza minn persuni jew kumpaniji privati.

2.9 Is-Sindku reġa insista li jpoġġi l-proposta għall-ħatra ta' Contracts Manager.

2.10 Is-Sur Demartino flimkien ma' l-Kunsilliera Nicola Fenech Adami, Marthese Mifsud u Dr Shirley Farrugia f'dan l-istadju ħarġu l-barra mill-laqgħa għaliex iddikjaraw li ma riedux ikunu komplici fi ksur tal-liġi.

Ma kienx hemm aktar quorum u l-laqgħa waqqfet mix-xogħol tagħha fid-9.30 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv